Nru./No. 20,942
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2022
Thursday, 13th October, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 14,169 - 14,170
Government Notices ..... *14,169 - 14,170*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,170 - 14,172
Court Notices ..... *14,170 - 14,172*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1404

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 22 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

It-13 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1405

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 23 ta' Frar, 1966, mogħtija mill-Harrow Juvenile Court fl-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-13 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1406

AKKWIST TA' ART

PROKLAMA TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Billi bl-artikolu 71 skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta, huwa pprovdut illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara b'avviż illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' clearance jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

It-13 ta' Ottubru, 2022
(File No. L 185/2022)

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 71 tal-imsemmija Att, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1404

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 22 entitled the Criminal Code (Amendment No. 2) Act, 2022.

13th October, 2022

No. 1405

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 23rd February, 1966, issued by the Harrow Juvenile Court, England, United Kingdom, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

13th October, 2022

No. 1406

ACQUISITION OF LAND

PROCLAMATION BY THE LANDS AUTHORITY

Whereas by the provisions of section 71 in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta, the Board of Governors of the Lands Authority can for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

13th October, 2022

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 71 of the mentioned Act, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Skeda

Art fl-Imġarr, Malta:

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka ta' madwar 27 metru twila, b'1.6 metru fond u b'1.5 metru wiesgħa u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa ta' kejl ta' madwar 54 metru kwadru, liema għalqa tmiss mil-Lbiċ u mill-Punent ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta P.D. nru. 2022_0406, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-10 ta' Ottubru, 2022

Schedule

Land in Mġarr, Malta:

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench about 27 metres long, with a depth of 1.6 metres and 1.5 metres wide and laying of services for an indefinite period, in a field of the area of about54 metres square, which field is bounded on the southwest and on the west by a public road and on the east by property of unknown owners or more precise boundaries.

The above-mentioned land is shown on plan P.D. no. 2022_0406 which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

10th October, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1797

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-1 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1205/2022, minn Dr Antoinette Calleja née Zerafa fejn insegwitu tar-rikors Patrick Zerafa, ġuvni, bin Joe sive Joseph Zerafa u Mikelina sive Lina Zerafa née Camilleri, imwieled l-Awstralja fit-23 ta' Marzu, 1966, ta' 56, residenti San Pawl il-Baħar, Malta, u li għandu karta tal-identità bin-numru 222282M, ġie inabilitat b'digriet tal-31 ta' Awwissu, 2022, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 10 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 1st July, 2022, Application number 1205/2022 by Dr Antoinette Calleja née Zerafa, whereby following the application Patrick Zerafa, bachelor, son of Joe sive Joseph Zerafa and Mikelina sive Lina Zerafa née Camilleri, born in Australia on the 23rd March, 1966, aged 56, residing in San Pawl il-Baħar, Malta, and holding identity card number 222282M, was incapacitated by means of a decree given on the 31st August, 2022, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 10th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1798

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-29 ta' Settembru, 2022, fl-atti Mandat ta' Inibizzjoni numru 1088/2021/1JRM, li ġie ppreżentat fil-12 ta' Awwissu, 2022, fl-ismijiet: Stivala Vincent u Stivala née Maksyukova Oxana Vladimirovna vs Wolfgang Roehler sive Rohler ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil

By decree given by the Civil Court, First Chamber, on 29th September, 2022, in the acts of the Warrant of Prohibitory Injuction number 1088/2021/1JRM, which was presented on 12th August 2022, in the names Stivala Vincent and Stivala née Maksyukova Oxana Vladimirovna vs Wolfgang Roehler sive Rohler the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Therefore, the

din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ imsemmija.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-18 ta' Ottubru, 2022, fl-10.00 a.m.

Notifika Intimat: Wolfgang Roehler sive Rohler, Flat 25, Hampton Court, Block B, Triq il-Qroll, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Ottubru, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

plaintiffs are humbly asking that this Honourable Court to order the issuing of a Warrant of a Prohibitory Injuction in order to prohibit the defendant from continuing to do the above acts.

The Warrant of the Prohibitory Injuction in the names mentioned above is adjourned 18th October, 2022, at 10.00 a.m.

Notification Respondent: Wolfgang Roehler sive Rohler, Flat 25, Hampton Court, Block B, Triq il-Qroll, St Paul's Bay

Register of the Superior Courts, today, 11th October, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1799

ARB/C071/2022 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Joseph Mifsud, LLD). Kumpilazzjoni Numru 588/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

Kontra

LENEL ABAISA, jaħdem fil-kostruzzjoni, ta' 50 sena, iben Adolf u Pomonoe xebba Kwasie, imwieled Marowijne, Suriname, fl-10 ta' Marzu, 1972, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' karta tal-identità min-Netherlands bin-numru IVR2F52P9 u karta tal-identità Belġjana bin-numru B319865681.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew jkunu imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' LENEL ABAISA u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn

ARB/C071/2022 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 9th October, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Joseph Mifsud, LLD). Compilation Number 588/2022, in the case:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Versus

LENEL ABAISA, construction worker, 50 years, son of Adolf and Pomonoe née Kwasie, born in Marowijne, Suriname, on the 10th March, 1972, without a fixed address in Malta and holder of Identity Card from the Netherlands bearing number IVR2F52P9 and Belgian Identity Card bearing number B319865681.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to LENEL ABAISA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction

ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 11 ta' Ottubru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 11th October, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1800

ARB/C017/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR TEMPORANJA

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru, 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 138/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)

Kontra

ANDREW AGIUS, tabib, ta' 45 sena, iben Godfrey u Concetta xebba Izzo, imwieled San Ġiljan, Malta, fit-23 ta' Frar, 1977, residenti ġewwa 29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 124077M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat ANDREW AGIUS sabiex iħallas is-somma ta' ħames mija u żewġ ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€502.85) lil Atlas Insurance PCC Limited rappreżentanti ħlas tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 132330 690 002. Illi dan il-ħlas għandu jiġi esegwit mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -2050 u li huwa miżmum mal-HSBC Bank Malta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar temporanja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Victor G. Axiak, LLD), fl-10 ta' Marzu, 2022, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-17 ta' Marzu, 2022, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ANDREW AGIUS.

Illum, 11 ta' Ottubru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ARB/C017/2022 – VARIATION OF A TEMPORARY FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 7th October, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 138/2022, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Versus

ANDREW AGIUS, doctor, 45 years, son of Godfrey and Concetta née Izzo, born in St Julian's, Malta on the 23rd February, 1977, residing at 29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, and holder of Maltese identity card bearing number 124077M.

The Court AUTHORISED the accused ANDREW AGIUS to pay the sum of five hundred and two euro and eighty-five cents (€502.85) to Atlas Insurance PCC Limited representing payment of insurance policy with reference number 132330 690 002. This payment must be carried out from the bank account registered in the name of the accused ending in -2050 and held at the HSBC Bank Malta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a temporary freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD) on the 10th March, 2022, which was published in the Government Gazette on the 17th March, 2022, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ANDREW AGIUS.

Today, 11th October, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603